MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2020

Rikors Maħluf Numru 23/2019 LM

**Natashia Bouvett (K.I. 468898M)**

***vs.***

**Bjorn Grima (K.I. 193594M)**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2019 mill-attriċi **Natashia Bouvett** (K.I. Numru 468898M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

*Tesponi bir-rispett:*

1. *Illi fil-5 ta' Awwissu 2015, għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30) l-esponenti (li fid-data tal-inċident kien jisimha Brandon Bouvett) kienet passiġġiera fuq is-*seat *ta' wara mal-intimat;*
2. *Illi l-intimat kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni ACB 135 f'Birżebbuġia;*

3. *Illi dak il-ħin l-intimat ipprova jaqla' vettura billi qasam fuq il-karreġġjata opposta bil-konsegwenza li baqa' dieħel ġo vettura tal-marka FIAT 500 bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA 089 u vettura oħra tal-marka Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBS 374;*

4. *Illi konsegwenza ta' din l-azzjoni r-rikorrenti sofriet offiża ta' natura gravi u kienet fil-perikolu li titlef ħajjitha hekk kif ser jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża;*

5. *Illi kif se jiġi ppruvat ukoll l-esponenti sofriet debilità permanenti f'ġisimha u dannu materjali;*

6. *Illi għal dan l-inċident stradali huwa unikament responsabbli l-intimat billi kien proprju minħabba t-traskuraġni, imprudenza, non kuranza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti fis-sewqan tiegħu li seħħ dan l-inċident;*

7. *Illi tant hu hekk li fil-proċeduri kriminali li ġew istitwiti fil-konfront tal-intimat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Bjorn Grima**' huwa ammetta l-ħtija tiegħu u fl-10 ta' Mejju 2016 ngħata sentenza.*

8. *Illi għalkemm l-intimat ġie interpellat sabiex jaddivjeni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' dannu sofferti mir-rikorrenti huwa baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant l-esponent filwaqt li tiddikjara li dawn il-fatti hija taf bihom personalment titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fil-5 ta' Awwissu 2015 għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (10:30pm) f'Birżebbugia u dan minħabba traskuraġni, imprudenza, non kuranza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti fis-sewqan tiegħu;*

2. *Li konsegwentement l-intimat huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi; u*

4. *Tordna li l-intimat iħallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti in linea ta' danni, u dan isir taħt dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jogħġobha timponi.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali bin-numru ta' referenza 4170/2018 u bl-imgħax legali mid-data tal-inċident kontra l-intimat li hu inġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Bjorn Grima** (K.I. Numru 193954M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-28 ta' Frar, 2019, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet attriċi għandhom kollha jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, u dan stante illi l-intimat, ma kellu* ***assolutament u ċertament l-ebda tort u/jew responsabbilità*** *għal kwalunkwe danni li setgħet sofriet minnhom l-attriċi;*
2. *Illi konsegwentement, ma hemmx lok illi jiġu likwidati ebda danni a favur tal-istess attriċi;*
3. ***Illi għalhekk isegwi illi t-talbiet attriċi għandhom kollha jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra tagħha;***
4. *Illi, in ogni caso, u strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi trid iġġib prova kemm tad-danni sofferti minnha, u kif ukoll prova illi għad-danni hekk sofferti minnha, jaħti unikament u biss l-istess intimat;*
5. *Illi di piu, u dan kif se jirriżulta aħjar waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-istanti, dato ma non concesso illi l-attriċi sofriet xi danni, dan ġara unikament tort tagħha stess, meta naqset milli tilbes ċinturin tas-sigurtà, waqt illi kienet riekba bħala passiġġiera fil-vettura tal-intimat;*
6. *Illi jiġi sottomess ulterjorment illi l-fatt illi l-intimat ammetta għal akkużi miġjuba kontra tiegħu fil-proċeduri kriminali,* ***hija irrelevanti għall-fini tal-proċeduri odjerni, u għalhekk mhux xi prova konklussiva kontra l-intimat, u dan peress illi l-azzjoni ċivili hija indipendenti minn dik kriminali;***
7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, ai termini tal-liġi, jekk ikun il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2020, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Din il-kawża hija dwar inċident stradali li seħħ fil-5 ta' Awwissu, 2015 għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija, meta l-attriċi kienet riekba fuq is-*seat* ta' wara tal-vettura tal-għamla Volkswagen Golf misjuqa mill-konvenut. L-attriċi tgħid li l-konvenut ipprova jaqla' vettura billi qasam għall-karreġġjata opposta, bil-konsegwenza li baqa' dieħel ġo vettura tal-marka FIAT 500 bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA 089 u vettura oħra tal-marka Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni IBS 374. L-attriċi tgħid li konsegwenza ta' dan l-inċident hija sofriet ġrieħi ta' natura gravi u għal xi żmien kienet ukoll fil-periklu li titlef ħajjitha. Qalet li għal dan l-inċident huwa unikament responsabbli l-konvenut, li kien qiegħed isuq bi traskuraġni, imprudenza, non-kuranza u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku, u li ammetta r-responsabbilità għall-inċident fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra tiegħu. L-attriċi qalet li minkejja li interpellat lill-konvenut sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnha, dan baqa' inadempjenti u kien għalhekk li kellha tipproċedi b'dawn il-proċeduri fil-konfront tiegħu. L-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident tal-5 ta' Awwissu, 2015 minħabba t-traskuraġni, in-negliġenza, l-imprudenza, in-non-kuranza u n-nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti fis-sewqan tiegħu; kif ukoll li huwa responsabbli għad-danni sofferti minnha. L-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tillikwida danni sofferti minnha, u li tikkundanna lill-konvenut iħallas l-imsemmija danni.

4. Min-naħa tiegħu l-konvenut ċaħad li huwa b'xi mod responsabbli għall-inċident u għall-konsegwenti danni sofferti mill-attriċi, u jgħid li m'hemm bżonn tal-ebda likwidazzjoni ta' danni favur l-istess attriċi. Mingħajr preġudizzju għal dan, il-konvenut jgħid li f'kull każ l-attriċi għandha ġġib prova tad-danni sofferti

minnha, kif ukoll prova li għal tali danni jaħti unikament il-konvenut, għaliex mill-provi għandu jirriżulta li fil-ħin meta seħħ l-inċident, l-attriċi ma kinitx liebsa ċinturin tas-sigurtà waqt li kienet passiġġiera fil-vettura misjuqa minnu. Barra minn hekk il-konvenut eċċepixxa wkoll li dak li ġie deċiż u stabbilit fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra tiegħu m'għandu jkollu l-ebda import fuq il-proċeduri odjerni.

**Provi u riżultanzi**

5. Flimkien mar-rikors promutur ippreżentat minnha, l-attriċi ppreżentat kopja tal-ittra uffiċjali li permezz tagħha hija interpellat lill-konvenut jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnha[1], flimkien ma' kopja tar-rapport mediku redatt mill-konsulent newrolgu *ex parte* **Dr Anthony Galea Debono**.[2] Minn dan ir-rapport mediku jirriżulta wkoll li in segwitu għall-inċident l-attriċi ttieħdet fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei, fejn ġie stabbilit li kienet f'koma, u li konsegwenza tal-inċident kienet sofriet diversi ġrieħi f'diversi partijiet ta' ġisimha.[3] Dr Galea Debono jgħid li wara l-inċident l-attriċi baqgħet issofri minn uġigħ f'rasha, li jippersisti ġranet sħaħ u li jintensifika xħin tbaxxi rasha, kif ukoll minn episodji ta' wġigħ intensiv li jdum ftit mumenti. Dr Galea Debono jgħid li l-attriċi għadha ssofri minn telf ta' memorja, kif ukoll minn episodji ta' sturdament li jiġru madwar darbtejn fil-ġimgħa. Ikkonkluda li,

> *"Ms Bouvett sustained a severe Traumatic Brain Injury as a result of the traffic accident of 5th August 2015. This is evidenced by the presence of an intra-ventricular*

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 7 tal-proċess.
[3] Mir-rapport mediku ta' Dr Galea Debono jirriżulta illi, *"An urgent CT scan of the brain, spine, chest, abdomen and pelvis was carried out. This showed blood in the ventricular system, two small hematomas in the left parietal lobe, as well as diffuse brain oedema. In addition, there was a fracture of the left maxilla, the left mandible, the left zygomatic arch and a fracture of the nasal bones."*

*haemorrhage and parietal lobe haematomas, and the previously mentioned facial bone fractures.*

*Her present symptoms are definitely the result of the Head Trauma, as they are the classical symptoms that occur in these situations. They are the result of the damage to neurones and axons caused by the shearing forces caused by the impact."*

6. In vista ta' dawn ir-riżultanzi, Dr Galea Debono kkonkluda li l-attriċi qiegħda ssofri minn debilità permanenti ta' 10% minħabba d-disturbi tal-memorja, debilità permanenti ta' 2% minħabba s-sindrome post-konkussjonali, kif ukoll minn debilità permanenti ta' 4% minħabba li għandha riskju li tiżviluppa epilessija post-trawmatika minħabba fl-inċident. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, Dr Galea Debono jgħid li huwa jivvaluta d-debilitajiet permanenti sofferti mill-attriċi fil-grad ta' 16%.

7. L-attriċi ppreżentat ukoll kopja tat-taħrika li permezz tagħha l-konvenut tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati akkużat li saq b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti u b'hekk ikkawża offiża gravi fuq numru ta' persuni, fosthom fuq l-attriċi, kif ukoll ikkawża ħsara fuq numru ta' vetturi, saq b'mod traskurat jew perikoluż, saq b'veloċità eċċessiva u qabeż vettura oħra miexja fl-istess direzzjoni madwar kantuniera jew liwja bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku.[4] L-attriċi ppreżentat ukoll kopja tal-*case summary* bid-dettalji tal-ġrieħi li hija sofriet u t-trattament li kellha bżonn tiegħu waqt li kienet rikoverata l-isptar.[5]

8. Waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2019, xehed Dr Anthony Galea Debono[6], li spjega li minkejja li ħafna studji juru li meta tiġri din it-tip ta' ħsara fir-ras, il-persuna jkollha riskju akbar li tiżviluppa epilessija, aktar ma jgħaddi ż-

---

[4] *A fol.* 11 tal-proċess.
[5] *A fol.* 12 tal-proċess.
[6] *A fol.* 25 tal-proċess.

żmien aktar tonqos il-possibilità li tiġri din il-ħaġa. Qal li f'każ li l-attriċi tiżviluppa epilessija fil-futur, din tkun tfisser debilità permanenti ta' 15%.

9. Waqt l-istess udjenza xehdet **Maria Dolores Fenech**, Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali[7], li qalet li l-konvenut kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-10 ta' Mejju, 2018 u kien instab ħati tal-akkużi miġjuba kontrih, u ġie mmultat €2,500 u sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal sitt xhur.[8]

10. Fl-*affidavit* tagħha l-attriċi[9] qalet li dakinhar tal-inċident hija kienet riekba fis-*seat* ta' wara tal-vettura tal-għamla Volkswagen Golf misjuqa mill-konvenut. Fl-istess karozza kien hemm ukoll il-ħabiba tagħha Consielle Lia u l-kuġina tagħha Sarah Bouvette. L-attriċi spjegat li l-konvenut kien qiegħed isuq minn Triq Ħal Far fid-direzzjoni lejn Birżebbugia, meta f'ħin minnhom ipprova jaqla' żewġ vetturi billi qasam għal fuq il-karreġġjata opposta. L-attriċi spjegat li dak il-ħin il-vettura misjuqa mill-konvenut ħabtet ma' żewġ vetturi oħra, u l-unika ħaġa li tiftakar hija li sabet ruħha l-isptar, wara li qamet minn koma. L-attriċi qalet li kienet damet rikoverata l-isptar għal perijodu ta' ġimgħa, imma wara li ħarġet mill-isptar hija kellha diversi diffikultajiet, tant hu hekk li għal xi żmien lanqas kienet tagħraf lill-familjari tagħha, u kienet tkun konfuża ħafna u muġugħa. Qalet li wara l-inċident hija baqgħet issofri minn uġigħ f'wiċċha, ksur fl-għadam ta' wiċċha u problemi bil-vista. L-attriċi qalet li meta ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-konvenut, dan kien ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Ikkonkludiet billi qalet li minkejja li kienet interpellat lill-konvenut sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni dovuta lilha b'konsegwenza tal-inċident, huwa kien baqa' inadempjenti.

[7] *A fol.* 28 tal-proċess.
[8] Kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-10 ta' Mejju 2018 *a fol.* 30 tal-proċess.
[9] *A fol.* 33 tal-proċess.

11. Waqt l-udjenza tas-26 ta' April, 2019 xehed **Joseph Saliba**, in rappreżentanza tal-Aġenzija Jobsplus[10], li ppreżenta kopja tal-*employment history* tal-attriċi, minn fejn jirriżulta li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, l-attriċi li kien għad kellha sittax-il sena, kienet għadha ma sabitx l-ewwel impjieg tagħha.

12. Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Stephen Cachia**, in rappreżentanza ta' Transport Malta[11], li spjega li l-vettura tal-għamla Volkswagen Golf lewn il-fidda bin-numru ta' reġistrazzjoni ACB 135, hija rreġistrata fuq il-konvenut Bjorn Grima, u ilha hekk reġistrata mill-10 ta' Ottubru, 2014. Ix-xhud qal li din il-vettura ġiet skrappjata fid-29 ta' Novembru, 2018.

13. Waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2019 xehdet **Doris Vella Cassia** in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei li ppreżentat kopja tal-*file* mediku tal-attriċi Natashia ġia Brandon Bouvette. [12]

14. Waqt l-istess udjenza xehed **Dr Christopher Giordimaina**[13], li qal li jaħdem bħala tabib fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar, u dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, huwa kien wieħed mit-tobba li ta assistenza medika lill-attriċi. Ix-xhud spjega li hekk kif l-attriċi ddaħħlet l-isptar, hija kienet mitlufa minn sensiha, u kien hemm il-ħtieġa li din titraqqad u titpoġġa fuq *pipe* tan-nifs. Qal li xi ħin wara l-attriċi kien sarilha *CT scan* fejn ġew stabbiliti l-ġrieħi kollha sofferti minnha u sussegwentement ttieħdet fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar.[14]

[10] *A fol.* 38 tal-proċess.
[11] *A fol.* 41 tal-proċess.
[12] *A fol.* 53 *et seq.* tal-proċess.
[13] *A fol.* 118Ċ tal-proċess.
[14] Ix-xhud esebixxa ċertifikat mediku (*a fol.* 118E tal-proċess) b'deskrizzjoni tal-ġrieħi kollha li ġie stabbilit li kellha l-attriċi wara li sarilha s-*CT Scan: "Laceration over left eyebrow. Lacertaion over upper Left lips. Two small haematomas, within the sulci of the left parietal lobe and blood in the ventricular system. Diffuse brain oedema noted. Fractures left maxilla and left mandible. Fractures of nasal bones and left zygoma. Haematoma over left eye."*

15. Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **PS 1602 Marco Mifsud**[15], li spjega li fiż-żmien meta seħħ l-inċident huwa kien stazzjonat l-Għassa taż-Żejtun, u kien ġie infurmat li kien hemm inċident fit-triq li minn Ħal Far twassal għal Birżebbugia. Qal li meta wasal fuq il-post sab li diġà kien hemm uffiċjali mit-Taqsima tal-Protezzjoni Ċivili li waslu qablu u kienu bdew joħorġu l-persuna li kienet maqbuda fil-vettura, li kienet mitlufa minn sensiha. Kompla jgħid li minn dak li seta' jikkonstata fuq il-post, fl-inċident kienu involuti tliet vetturi, waħda misjuqa minn ċertu Karmenu Dalli li kienet ġejja mid-direzzjoni ta' Ħal Far, vettura oħra misjuqa minn Kurt Sciortino li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, u l-vettura misjuqa mill-konvenut. Qal li l-konvenut ipprova jilwi bil-konsegwenza li invada l-karreġġjata opposta, u b'hekk baqa' dieħel *head-on* fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBS 374 li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, u laqat ukoll il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA 089. Ix-xhud qal li ftit tal-ħin wara l-inċident sar *breathalyser test* fuq il-konvenut, li iżda rriżulta fin-negattiv. Ix-xhud qal li huwa ma kellu l-ebda informazzjoni dwar jekk fil-ħin li fih seħħ l-inċident l-attriċi kinitx liebsa ċinturin tas-sigurtà.

16. Waqt l-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2019, xehed **Dr Gordon Muscat**[16], li spjega li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien *foundation doctor,* u kien assista lil Dr Djukic, kirurgu fil-qasam tan-neuroloġija li operat lill-attriċi wara l-inċident.

17. Waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru, 2019 xehed **Carmelo Dalli**[17], li qal li fl-2015 kien involut f'inċident tat-traffiku waqt li kien għaddej mit-triq li minn Ħal Far twassal għall-Ajruport. Qal li riekba miegħu kellu lil ċerta Christabelle Spiteri. Ix-xhud spjega li l-inċident seħħ mal-liwja li hemm ftit qabel l-i*speed camera,* u qal li hekk kif kien se jdur, ra tliet vetturi ġejjin mid-direzzjoni

[15] *A fol.* 119 tal-proċess.
[16] *A fol.* 142 tal-proċess.
[17] *A fol.* 161 tal-proċess.

opposta, iżda f'ħin minnhom waħda minn dawn il-vetturi ssorpassat il-vetturi l-oħra, u fil-liwja baqgħet dieħla fih. Qal li wara l-inċident huwa sar jaf li dik il-vettura kienet tal-għamla Golf. Waqt l-istess seduta xehdet **Christabelle Spiteri**[18], li kkonfermat li hija kienet riekba fil-vettura tal-għamla Mazda meta seħħ l-inċident. Din ix-xhud qalet li l-inċident seħħ fi ftit sekondi, u li rat biss id-dawl tal-vettura ġej min-naħa opposta u mal-impatt għamlet xi ħin mitlufa minn sensiha u ma kinitx taf x'inhu jiġri. Kompliet tgħid li hija kienet muġugħa ħafna u għalhekk ma tatx każ min kien il-persuna li kien qiegħed isuq il-vettura li baqgħet dieħla fihom.

18. Xehdet ukoll **Consielle Lia**[19], li qalet li fil-ħin meta seħħ l-inċident hija kienet riekba fil-vettura misjuqa mill-konvenut. Spjegat li fil-ħin tal-inċident huma kienu sejrin lejn Birżebbugia, u hija kienet riekba fuq wara tal-karozza, fejn kien hemm ukoll Natashia Bouvette u l-kuġina tagħha. Ix-xhud qalet li l-konvenut ipprova jissorpassa żewġ vetturi fl-istess ħin, u hekk kif ipprova jaqbeż it-tieni vettura, sab ma' wiċċu vettura tal-għamla Mazda Demio, u baqa' dieħel fiha.

19. Waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2019 xehed **Kurt Sciortino**[20], li spjega li fil-5 ta' Awwissu 2015, huwa kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni KBA 089, meta seħħ l-inċident biswit ir-*runway* tal-Ajruport waqt li huwa kien sejjer fid-direzzjoni ta' Ħal Far. Qal li l-unika ħaġa li jiftakar hija li dak il-ħin issorpassatu vettura tal-għamla Volkswagen Golf lewn il-fidda. Ix-xhud ikkonferma li riekba miegħu kien hemm martu li weġġgħet konsiderevolment f'dan l-inċident, minħabba li l-vettura li kien qiegħed isuq hu kienet antika u ma kellhiex ċerti *safety features.*

---

[18] *A fol.* 164 tal-proċess.
[19] *A fol.* 167 tal-proċess.
[20] *A fol.* 173 tal-proċess.

20. Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll **Joette Sciortino**[21], li kkonfermat li fil-ħin li seħħ l-inċident hija kienet riekba mar-raġel tagħha f'vettura tal-għamla Fiat 500. Spjegat li fil-ħin tal-inċident huma kienu sejrin fid-direzzjoni lejn Ħal Far, meta f'ħin minnhom qabżithom vettura, li baqgħet dieħla f'vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta. Qalet li dak il-ħin il-vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta baqgħet dieħla fil-vettura tagħhom. Ix-xhud qalet li l-vettura li kien qiegħed isuq ir-raġel tagħha kienet vettura antika li ma tistax tinstaq b'ċerta veloċità, iżda l-vettura li qabżithom kienet qiegħda tinstaq b'veloċità eċċessiva, tant hu hekk li huma indunaw biha minħabba li raw id-dawl fil-mera u mbagħad semgħu l-ħabta.

21. Waqt l-udjenza tas-6 ta' Jannar, 2020 xehed il-konvenut **Bjorn Grima**[22], li qal li sa fejn jaf hu l-inċident inkwistjoni seħħ fil-15 ta' Awwissu, 2015.[23] Qal li aktar kmieni dakinhar huwa kien rieqed, meta ċemplitlu l-kuġina tal-attriċi Sarah Bouvette, li talbitu jgħaddi għaliha u għall-attriċi. Qal li hu lill-attriċi ma kienx jafha, iżda xorta waħda għadda għaliha. Spjega li Consielle Lia u l-attriċi qagħdu bilqiegħda fis-*seat* ta' wara, filwaqt li Sarah Bouvette poġġiet quddiem. Il-konvenut qal li sabiex iwassalhom lura d-dar huwa kellu jgħaddi mit-triq ta' biswit l-Ajruport, li ma tantx huwa familjari magħha, u ħin minnhom ra li ma kienx hemm vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta u ddeċieda li jissorpassa l-vettura li kienet qiegħda tinstaq quddiemu bil-mod. Qal li hu ma qabiżx il-vettura tal-għamla Fiat 500 bi ksuħat, u qal li ma kienx jaf li l-liwja li kellu jdur hija waħda twila. Fi kliem il-konvenut,

> "Jien li nista' nikkummenta li l-vettura ma qbiżtha bl-ebda ksuħat, qbiżtha għax jien ħsibt li hi *two-lane* it-triq, qbiżtha bil-mod mad-dawra għidt din, il-*lanes* ma tantx

[21] *A fol.* 178 tal-proċess.
[22] *A fol.* 186 tal-proċess.
[23] L-inċident in kwistjoni seħħ fil-5 ta' Awwissu, 2015.

> kienu jidhru dak iż-żmien, kienu veru ċari u fit-triq ma tarahomx u qisni qbiżtha bħan-normali. Meta tara *two lanes* qisek tmur fuq il-*lane* l-oħra biex tgħaddi aktar minnha fhimt? Imbagħad f'daqqa waħda l-kisra ma kontx naf li daqshekk twila u fil-fatt dawl minn faċċata ma bediex jidher li ġej dawl għax kienet liwja għat-tul ħafna u eventwalment x'ħin rajt id-dawl għidt … dak il-ħin qisek tinħasad u ma jagħtikx ċans. Ksirt lejn il-*barriers* għax in-naħa l-oħra kelli l-karozza l-oħra, ksirt lejn din in-naħa u ta' faċċata baqa' ġej dritt ġo fija hux."

Il-konvenut qal li mal-impatt huwa weġġa' wkoll, iżda dak il-ħin Sarah Bouvette bdiet toffendih. Qal li meta ħares lura ra li l-attriċi kienet mitlufa minn sensiha, u din ma kinitx liebsa s-*seatbelt* dak il-ħin. Il-konvenut qal li wara l-inċident il-Pulizija talbuh jagħmel *breathalyser test,* li rriżulta fin-negattiv. Il-konvenut qal li jumejn wara l-inċident huwa kien mar iżur lill-attriċi l-isptar, li qaltlu li kienet ferħana li kisret imneħirha għaliex fl-aħħar kienet ser tirranġah. Il-konvenut qal li wara xi żmien ikkuntattjatu oħt l-attriċi li qaltlu li l-attriċi kienet disposta taħfirlu jekk itiha tlett elef Euro. Qal li hu nħasad b'dik il-proposta u qalilha li xtaq ikellem lill-avukat tiegħu dwar dan. Il-konvenut qal li mhux minnu li huwa kien għaddej b'veloċità eċċessiva, u żied jgħid li l-vettura tiegħu wkoll ġarrbet ħsarat konsiderevoli.

22. Fil-kontroeżami li sar lill-attriċi fid-19 ta' Frar, 2020[24], din ikkonfermat li lill-konvenut hija kienet saret tafu dakinhar tal-inċident, u fil-vettura tal-konvenut hija rikbet fis-*seat* ta' wara. L-attriċi kkonfermat ukoll li fil-ħin tal-inċident hija ma kinitx liebsa *safety belt*. Kompliet tgħid li hija ma tiftakar xejn dwar il-mod kif seħħ l-inċident, ħlief li dak il-ħin huma kienu sejrin lejn Birżebbugia, u f'daqqa waħda semgħet lil kuġinitha tgħajjat "Ara hemm Bjorn!". L-attriċi qalet li aktarx li fil-ħin li seħħ l-impatt hija kienet rieqda u għalhekk ma tafx jekk meta seħħ l-impatt il-konvenut kienx għaddej b'veloċità eċċessiva. Żiedet tgħid li sa fejn taf hi, oħtha kienet tkellmet mal-konvenut dwar l-istat ta'

[24] *A fol.* 206 tal-proċess.

saħħitha, iżda qalet li fil-familja tagħha qatt ma kien hemm diskussjoni dwar danni jew dwar xi kumpens li għandu jitħallas mill-konvenut. Qalet ukoll li hi lill-konvenut qatt ma reġgħet kellmitu wara li seħħ l-inċident.

23. L-espert mediku maħtura mill-Qorti, **Dr Josanne Aquilina**, ippreżentat ir-rapport tagħha fejn ikkonfermat li hija kienet invistat lill-attriċi fil-11 ta' Novembru, 2019.[25] Dr Aquilina kkonstatat li l-attriċi għadha ssofri minn nuqqas ta' memorja, u l-attriċi kienet qaltilha li l-ħin kollu tikteb biex tiftakar. Żiedet tgħid li l-attriċi għadha ssofri minn uġigħ fil-parti tax-xellug ta' rasha fejn qalgħet id-daqqa, nefħa f'wiċċha, problem bil-vista u tara doppju meta tħares lejn ix-xellug. L-attriċi kkonfermatilha li qatt ma sofriet minn aċċessjonijiet. Dr Aquilina kkonstatat li l-attriċi qiegħda ssofri minn debilità permanenti ta' 6% minħabba paraliżi tas-sitt nerv kranjali tax-xellug; debilità permanenti ta' 5% minħabba disturbi minuri tal-memorja u debilità permanenti ta' 2% minħabba sindrome post-konkussjonali.

24. Il-kontroeżami tal-konvenut sar fil-15 ta' Lulju, 2020[26], u dan qal li huwa ma riedx jinftiehem li fil-ħin li seħħ l-inċident hu raqad fuq l-i*stering*, iżda li dak il-ħin huwa kien għajjien u xtaq li jmur jinġabar f'daru. Qal li mhux midħla tal-inħawi fejn seħħ l-inċident, u li kien ilu madwar sena jgħix Wied il-Għajn u meta seħħ l-inċident huwa kien ilu jsuq biss madwar disa' xhur. Żied jgħid li huwa kien jaf li fit-triq hemm *speed camera,* u tant ma kienx għaddej b'veloċità eċċessiva li l-*camera* ma qabditux. Kompla jgħid li fil-ħin tal-inċident ma kienx hemm traffiku fit-triq, u wieħed mill-arbli tad-dawl kien maqtugħ u għalhekk kien hemm ftit dlam mhux ħażin fit-triq. Il-konvenut qal li ma kienx jidher ċar li t-triq kien fiha żewġ karreġġjati u li l-linja li tifred il-karreġġjati kienet waħda

[25] Esebit *a fol.* 216 tal-proċess.
[26] *A fol.* 221 tal-proċess.

kontinwa, għaliex id-dawl kien batut fit-triq. Qal ukoll li huwa ma kellux ċans jaħseb. Il-konvenut qal ukoll li ma jafx jekk kienx ivverifika jekk il-passiġġieri li kienu rekbin fuq wara tal-vettura kellhomx ċinturin tas-sigurtà jew le.

**Konsiderazzjonijiet legali**

25. F'każijiet bħal dak in diżamina, il-Qorti dejjem tibda billi tagħmel stħarriġ tal-każ fil-mertu sabiex jiġi stabbilit jekk il-konvenut għandux responsabbilità x'iġorr għall-inċident mertu fil-kawża. L-inċident seħħ billejl f'Awwissu, waqt li l-konvenut kien qiegħed iwassal numru ta' persuni lura lejn djarhom, u sabiex jagħmel hekk għadda mit-triq li tiġi biswit l-Ajruport, fil-parti tat-triq li minn Ħal Far twassal għal Birżebbugia. Fi kliem il-konvenut stess huwa ma tantx kien familjari ma' dawn l-inħawi, u kien ilu jsuq karozza madwar disa' xhur biss meta seħħ l-inċident. Il-konvenut ipprova jissorpassa vettura oħra tal-għamla Fiat 500, li skont hu kienet qiegħda tinstaq bil-mod, u biex jagħmel dan invada l-karreġġjata opposta, bir-riżultat li seħħ l-impatt ma' vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, kif ukoll mal-vettura Fiat 500, li hija l-istess vettura li huwa pprova jissorpassa. Evidentement din il-manuvra ta' sorpass min-naħa tal-konvenut kienet waħda azzardata għall-aħħar, partikolarment f'ċirkostanzi fejn il-konvenut kien nieqes mill-esperjenza bħala sewwieq, ma kienx familjari mat-triq li kien għaddej minnha, tant hu hekk li fi kliemu stess ma stenniex li l-liwja li kellu jdur magħha kienet daqstant twila, fit-triq jirriżulta li kien hemm id-dlam minħabba li kien hemm wieħed mill-arbli tad-dwal kien maqtugħ, kif ukoll meta fl-istess triq kien hemm numru ta' vetturi oħrajn għaddejjin. Id-dinamika ta' kif seħħ dan l-inċident ġiet ikkonfermata minn għadd ta' persuni, fosthom mis-Surġent tal-Pulizija li mar fuq il-post, u mis-sewwieqa tal-vetturi l-oħrajn li kienu involuti fl-inċident. Waħda mill-persuni li kienu rekbin mal-konvenut saħansitra

qalet li l-konvenut ipprova jissorpassa żewġ vetturi f'daqqa, għalkemm dan ma ġiex ikkorroborat mill-kumplament tax-xhieda. Il-konvenut qal li huwa fl-ebda ħin ma pprova jissorpassa biex jitkessaħ, iżda kien taħt l-impressjoni li t-triq fiha żewġ karreġġjati li jieħdu fl-istess direzzjoni, u għalhekk ma kienx jaf li kien qiegħed jinvadi l-karreġġjata opposta tat-triq.

26. Quddiem dawn ir-riżultanzi, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-akkadut. Iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ huma tali li persuna nieqsa mill-esperjenza fis-sewqan, kellha turi ferm aktar kawtela u attenzjoni fit-triq, partikolarment fi triq li huwa qajla kien jgħaddi minnha u li ma kienx familjari magħha. F'dan il-każ jirriżulta wkoll li l-konvenut ma żammx il-*proper lookout* rikjest biex ikun jaf x'inhu jiġri fl-inħawi immedjati li huwa kien għaddej minnhom. L-obbligu li sewwieq iżomm *proper lookout* ingħata tifsira f'diversi insenjamenti tal-Qrati tagħna. Hekk pereżempju f'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, mogħtija fis-17 ta' Ġunju, 1961, il-Qorti qalet li,

> "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *'a proper lookout'*."

F'deċiżjoni mogħtija minn Qorti barranija spiss iċċitata mill-Qrati lokali, hija dik fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[27], fejn l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*"

[27] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).

F'deċiżjoni oħra tal-Qorti Krimiinali fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**, mogħtija fil-21 ta' Mejju, 1960, intqal illi:

> "*Driver* ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens ta' nuqqas ta' 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello et**[28], il-Qorti għamlet riferiment għal diversi insenjamenti ġurisprudenzjali, sabiex stabbiliet li kien hemm nuqqas ta' prudenza fis-sewqan kellu jwieġeb għalih is-sewwieq:

> "Illi fir-rigward ta' *proper lookout* dan il-kunċett ifisser ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara, iżda s-sewwieq irid ikollu '*an awareness of his immediate vicinity'* u ċioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċiment iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod (Ara wkoll **P. Spiteri *vs* R. Caruana** App 5/10/98; **Maria Vella Galea *vs* Oresta Sammut** App. 5/10/98; **Dr Remigio Zammit Pace *vs* C. Grima,** App. Inf. 16/05/97; **A. Gatt *vs* M. Shephard,** App. Inf. 07/05/98). Għalhekk kull sewwieq irid jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom, bħal ma huma l-ħin tal-ġurnata, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapport oħra kontinġenti (Ara. Vol. XLVI pi p 112). Fin-nuqqas, ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ l-inċident stradali."

27. Minn dak li jirriżulta mill-provi li tressqu, il-Qorti tqis li l-konvenut naqas milli jirregola s-sewqan tiegħu skont il-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li kien fihom, partikolarment id-dlam li kien hemm fit-triq, il-fatt li huwa ma kienx

[28] 01.03.2001.

familjari mal-inħawi, u l-fatt li azzarda jissorpassa vettura li kienet għaddejja quddiemu, b'tali mod li ma kkalkulax li kienet ġejja vettura oħra mid-direzzjoni opposta u li eventwalment ma rnexxilux jevitaha, iżda baqa' dieħel kemm fiha kif ukoll fil-vettura li pprova jissorpassa. Dan kollu bi tliet passiġġieri rekbin miegħu. Huwa għalhekk li r-responsabbilità għall-inċident għandha tintefa' kompletament fuq il-konvenut.

Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar ir-responsabbilità għall-inċident, jifdal il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

*Damnum Emergens:*

28. L-attriċi ppreżentat kont wieħed ta' €200 maħruġ mill-konsulent mediku *ex parte* Dr Anthony Galea Debono[29], bħala prova tal-ispejjeż u d-danni materjali sofferti minnha.

*Lucrum Cessans:*

29. Mill-provi jirriżulta li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, l-attriċi kellha sittax-il sena, u mill-kopja tal-*employment history* tagħha esebita in atti, jirriżulta li dak iż-żmien meta seħħ l-inċident l-attriċi kienet għadha ma taħdimx. Minkejja dan, din il-Qorti xorta waħda sejra tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur li l-attriċi sejra ssofri minħabba fid-debilitajiet permanenti sofferti minnha b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

[29] *A fol.* 6 tal-proċess.

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

30. Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**, ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

31. Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sittax-il sena, li hija l-età li kellha l-attriċi fis-sena meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 35, tenut kont li persuna fl-età tal-attriċi hija mistennija li taħdem almenu sakemm ikollha 65 sena sabiex tilħaq età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[30], il-Qorti qalet:

[30] P.A., 10.05.2005.

"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.

...

Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

32. Il-Qorti sejra tibbaża l-komputazzjoni li trid tagħmel għall-fini tad-determinazzjoni tat-telf ta' qligħ futur tal-attriċi, fuq il-paga minima nazzjonali fl-2015, li hija s-sena meta seħħ l-inċident. Skont il-leġiżlazzjoni sussidjarja 452.71, il-paga minima nazzjonali għal persuna taħt is-sbatax-il sena fl-2015 kienet tammonta għal €156.64 fil-ġimgħa, li għalhekk ifisser li potenzjalment l-attriċi kien ser ikollha dħul gross ta' almenu €8,145.28 li kieku kienet taħdem.[31] Dan l-ammont irid jiżdied skont ir-rata tal-inflazzjoni medja għall-ħames snin ta' wara dik meta seħħ l-inċident.[32] Il-paga minima nazzjonali għas-sena 2015 għalhekk ser tiġi aġġustata abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[33], sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju

[31] Leġislazzjoni Sussidjarja 452.71.

[32] Skont statistika maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ir-rati tal-inflazzjoni fis-snin 2015-2019 kienu hekk: 2015 – 1.1; 2016 – 0.64; 2017 – 1.37; 2018 – 1.16 u 2019 – 1.64. Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin għalhekk kienet ta' – 1.38; 2014 – 0.31; 2015 – 1.10; 2016 – 0.64; 2017 – 1.37. Il-medja tar-rata tal-inflazzjoni f'dawn il-ħames snin kienet għalhekk ta' 1.1 + 0.64 + 1.37 + 1.16 + 1.64 / 5 = 1.18.

[33] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier."*

li l-attriċi kienet mistennija tipperċepixxi fl-ammont ta' €8,145.28 + €10,358.36 (*multiplier* ta' 35) / 2 = €9,252. Huwa dan is-salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

33. Fil-każ odjern kienu tnejn l-esperti mediċi li invistaw lill-attriċi u li taw l-opinjoni tagħhom dwar il-grad ta' debilità permanenti sofferta minnha b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti sejra tibbaża ruħha fuq il-konklużjonijiet raġġunti minn Dr Josanne Aquilina, l-espert mediku ġudizzjarju, għaliex din kienet l-aħħar espert mediku li eżaminat lill-attriċi, u li għalhekk tista' tagħti stampa aktar kompluta tan-natura tad-debilitajiet permanenti sofferti minnha. Fil-fatt Dr Aquilina waslet għall-konklużjoni li l-attriċi qiegħda ssofri minn tliet tipi ta' debilitajiet permanenti, fil-grad ta' 6% minħabba d-diżabilità mġarrba fis-sitt nerv kranjali tax-xellug, 5% minħabba fid-disturbi fil-memorja u 2% minħabba fis-sindrome post-konkussjonali. Il-Qorti hawnhekk tqis li jkun utili li tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni fl-ismijiet **Brian Micallef *vs* Brian Tyre Services et**[34], fejn inkiteb illi:

> "Skont il-ġurisprudenza meta persuna ssofri diversi gradi ta' diżabilità permanenti għandu jiġi adoperat il-kriterju magħruf bħala *weighted average,* fejn id-diversi gradi ta' diżabilità permanenti riżultanti jiġu kkunsidrati in relazzjoni mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni *a priori* li l-multipliċità tal-feriti jiġu komputati komplessivament. Bil-*weighted average,* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat (**Cassar Pullicino noe et *vs* Xuereb et, App. 20.02.2009).**"

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Frendo *vs* Cachia**[35], il-Qorti stabbiliet illi:

> "Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-attur danneġġjat."

[34] 31.01.2014.
[35] 20.04.2009, P.A.

Mill-kalkolu li għamlet il-Qorti, il-*weighted average* tad-debilitajiet permanenti sofferti mill-attriċi jagħtu debilità totali ta' 8%.[36]

34. L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. F'dan il-każ ma jirriżulta li kien hemm l-ebda dewmien minn xi parti jew oħra u l-proċeduri qegħdin jinġiebu fi tmiemhom f'anqas minn sentejn minn meta tressaq ir-rikors promutur mill-attriċi.

35. Is-salarju medju ta' €9,252 x *multiplier* ta' 35 x 8% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi iwasslu għal ċifra ta' €25,905.60, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* twassal għas-somma ta' għoxrin elf, seba' mija u erbgħa u għoxrin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€20,724.48). Ma' dan l-ammont iridu jingħaddu l-mitejn Euro (€200) f'danni materjali li diġà ġie stabbilit li ntefqu mill-attriċi b'konsegwenza tal-inċident, sabiex b'hekk it-totalità tad-danni li għandu jagħmel tajjeb għalihom il-konvenut jammontaw għal għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u għoxrin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€20,924.48).

[36] Ara Regolament 3 tad-Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity – "Assessment Regulations" tal-2010 maħruġa mill-Ministeru Responsabbli għall-Ġustizzja, fejn il-formula li qiegħda titħaddem hija: (100-6/100)x2+6 (skont l-ogħla u l-anqas rata ta' debilità permanenti stabbilita mill-espert mediku ġudizzjarju).

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attriċi, u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u għad-danni kkaġunati lill-attriċi konsegwenza ta' dan;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-inċident imsemmi fis-somma ta' għoxrin elf, disa' mija u erbgħa u għoxrin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€20,924.48);**

4. **Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**